NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Mejju - Ġunju 1989

Nru 48

# "ISAW!! Dalwaqt jasal l-EŻAMI"

## *Il-Messaġ ta' l-Arċipriet*

Malli jibdew jitgerbu l-jiem ta' Mejju, dlonk il-ħsieb ta' kull student jibda' jħewden fuq l-eżamijiet. Kollox jibda' jfakkru fihom. Il-ġenituri ma jonqsux li jżidu id-doża u ħallihom itennu: "Studja, taħlix żmien....dalwaqt l-eżamijiet!"

Ma ttihomx tort. Ħadd ma jrid lill-uliedu agħar minn ħaddieħor. Ħadd ma jixtieq jarahom jeħlu fl-eżamijiet. Ħadd ma jrid jara lill-uliedu barra, bla xogħol, filwaqt li t-tfal tal-ġara jibdew jaħdmu.

Ngħiduha kif inhi: xi ftit jew wisq f'dawn il-jiem ta' Mejju u Ġunju, kull student jagħmel l-għalmu tiegħu, u jistudja xi ftit iktar mis-soltu. Kien ikun ferm aħjar li kieku ma ħeliex tant żmien matul is-sena, u ta' kuljum studja xi ftit. Kieku kien iħossu ferm aħjar, iktar kalm, ċert minnu nnifsu, u l-jiem ta' l-eżamijiet ma jbeżżgħux daqstant.

Dan il-ħsieb ta' l-eżamijiet ifakkarna li lkoll kemm aħna għandna l-eżamijiet tagħna. Id-Drammaturgu Edoardo de Filippo għandu Kummiedja Soċjali li ġġib l-isem: "Gli esami non finiscono mai". U f'din il-kummiedja, dan l-awtur jurina kif aħna l-bnedmin ta' kuljum ikollna noqgħodu għall-diversi eżamijiet: eżamijiet taħt diversi forom, fosthom ċerti deċiżjonijiet, u għażliet, bejn ħaġa u oħra; nagħmlux hekk, jew inkella jaqbilx nagħmlu xorta oħra; ngħid it-tali kelma jew inkella nipprova ma ngħid xejn; inġib ruħi b'mod jew inkella niddeċiedi li nġib ruħi b'mod ieħor.

Ħajjitna eżamijiet kontinwi: minn jistudja, min kapaċi jiżen bla ma jgħaġġel, jixtar sewwa qabel ma jfattar, allura jgħaddi mill-eżami; min igerfex, minn jgħaffeġ, min iparla bl-addoċċ, x'aktarx jeħel, u jġib marki ħżiena.

Għalhekk tajjeb li lkoll kemm aħna nkunu prudenti fil-ħajja fl-imġieba, fil-kliem li ngħidu. Mela, għaliex ma neħdux il-parir li aħna nagħtu lill-uliedna: "Studjaw!!!", Ejjew ngħidu dawn il-kelmiet lilna nfusna: ejjew nistudjaw sewwa dak li nkunu ser ngħidu, dak li nkunu ser nagħmlu, u żgur li ma jiddispjaċiniex.

Jekk jirnexxielna nistudjaw egħmilna matul ħajjitna kollha, żgur li ngħaddu minn kull test u minn kull eżami. Jekk nagħmlu hekk inkunu qed inħejju ruħna għall-akbar eżami ta' ħajjitna: eżami li jsir darba biss, li minnu ma hemmx riparatorju: jekk tgħaddi tifrah, u tgawdi, jekk teħel, titlef kollox. Qed ngħid għall-aħħar eżami ta' ħajjitna: il-Ġudizzju. Irrid nagħmlu jien u trid tagħmlu int: eżami li minnu ma jaħrab ħadd. Eżami li fih irridu nuru is-sewwa li wettaqna u l-ħażen li ħrabna. Jekk jirnexxielna nagħmlu hekk, allura ngħaddu żgur, u l-premju jkun tagħna, u ma jeħodulna ħadd.

Għalhekk, għeżież: mhux aħjar NISTUDJAW egħmilna kull ħin u kull mument? Mhux aħjar inbati ftit kuljum, biex inwettaq deċiżjonijiet għaqlin, milli nintelaq u nimxi mal-kurrent u mbagħad ikolli naqdef lura lejn fejn inkun tlaqt? Mhux aħjar inkun ippreparat? Għaliex ngħiduha kif inhi: kull student jaf meta ser ikollu l-eżamijiet: kull student jaf li f'Ġunju jibda' jberraq u jrid juri x'jaf u xi studja. Iżda jien u int, u l-oħrajn kollha ma nafux meta ser ikellna l-eżami ta' l-aħħar.....it-timetable jafha biss il-Mulej: Mela isimgħu minni, "EJJEW NISTUDJAW F'KULL ĦIN, għax l-eżami jista' jkun f'KULL ĦIN.



L-Eċċellenza Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi għoġbu jaħtar lill-Wisq Reverendu Dun Antonio Cefai bħala Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata Bażilika tagħna. In-nomina ta' Dun Anton Cefai bħala Kanoniku Onorarju saret nhar l-24 ta' April 1989.

Dun Anton Cefai twieled fil-4 ta' Ġunju 1904 minn Antonio u Anna neè Muscat. Hu ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. M. Gonzi fil-21 ta' Awissu 1931. Fil-1945 mar joqgħod Malta wara li qatta' sittax il-sena bħala Kappillan tal-Kor tal-Knisja Katidrali. Għall-37 sena huwa kien Viċi parroku tal-Kattidral ta' Malta, u mill-1964 sa llum huwa ta' servizz ta' Ċerimonjier Kapitulari. Dam kappillan tal-Arċisqof Gonzi kważi 12 il-sena. F'dan iż-żmien kollu huwa baqa' marbut mal-Bażilika ta' San Ġorġ, u kien jieħu sehem fil-ħafna festi li jsiru fiha.

***Filwaqt li nifirħulu nawguarawlu AD MULTOS ANNOS***

## *EDITORJAL*

# IL-LAJĊI FIL-KNISJA

Ftit taż-żmien ilu l-Papa Ġwanni Pawlu II ippubblika l-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali "IL-MISSJONI U L-VOKAZZJONI TAL-LAJĊI FIL-KNISJA U FID-DINJA". Dan id-dokument jitlob minna l-lajċi studju fil-fond tas-sehem li qed nagħtu aħna fi ħdan il-Knisja li minnha ngħamlu parti.

Fid-daħla għal din l-Eżortazzjoni il-Papa jikkwota s-sejħa tal-Konċilju Vatikan II u "isejjaħ lil-lajċi kollha biex iwieġbu bil-ferħ, b'ġenerożità kbira u bil-ħeġġa ta' qalbhom għal-leħen ta' Kristu...'. Kif jgħid il-Papa l-għan ta' din l-Eżortazzjoni huwa "li jqanqal u jsaħħah fl-insara lajċi kollha, u f'kull wieħed u waħda minnhom, fehma aktar soda tad-don u tar-responsabiltà ta' kulħadd fix-xirka u l-missjoni tal-Knisja".

Din l-Eżortazzjoni tal-Papa fiha messaġġ għal diversi kategoriji. Dan hu, fil-qosor ħafna, il-messaġġ tal-Papa lil diversi sezzjonijiet:

***Lit-Tfal:*** *It-Tfal bħala membri ħajjin tal-familja jgħinu biex iqaddsu lill-ġenituri tagħhom. It-tfal u l-adoloxxenti huma parti mill-Knisja li ma għandhiex tiġi minsija.*

***Liż-Żgħażagħ:*** *Il-Knisja għandha tant affarijiet x'tgħid liż-żgħażagħ, u ż-żgħażagħ għandhom tant affarijiet x'igħidu lill-Knisja. Il-Knisja tħares lejkom b'fiduċja u b'imħabba. Ħarsu lejha u ssibu fiha l-Wiċċ ta' Kristu.*

***Lill-Irġiel:*** *Ħafna oqsma fil-Knisja jilmentaw nuqqas ta' preżenza ta' l-irġiel; uħud minnhom ifarfru minn fuq spallejhom ir-responsabiltà tagħhom fil-Knisja u jħallu kollox f'idejn in-nisa. Għalhekk jeħtieġ aktar ħidma pastorali ta' l-irġiel u tan-nisa flimkien.*

***Lin-Nisa:*** Fit-twettiq ta' l-apostolat, il-mara hi msejħa biex tħaddem id-doni tagħha ta' mara. L-ewwelnett: id-don tad-dinjità tagħha ta' mara bil-kelma u bix-xhieda ta' ħajjitha. Il-mara għandha żewġ ħidmiet: (a) tagħti dinjità lill-ħajja miżżewġa u lill-maternità; (b) tagħmel il-kultura iktar umana.

***Lill-Anzjani:*** *Il-Bibbja tippreżenta lill-anzjan bħala persuna mimlija għerf u biża' t'Alla. Trid tkun ta' eżempju fil-Knisja lill-poplu kollu t'Alla. Intom baqagħlkom missjoni xi twettqu u kontribut x'tagħtu.*

***Lill-Morda:*** Anke l-morda huma mibgħutin bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej. Nitolbu lilkom ilkoll li ssofru biex tgħinuna. Propju lilkom li intom dgħajfin nitolbukom li ssiru għajn ta' qawwa għall-umanità u għall-knisja.

Biex dak li hemm f'din l-Eżortazzjoni jitwettaq u jseħħ il-Papa jtemm b'talba lill-Verġni Mbierka u jispiċċa b'dan il-kliem: *"Verġni u Omm, mexxina u wettaqna bħala veri wlied ta' Ibnek ħa nagħtu sehemna biex timbena fuq l-art, ċiviltà ta' verità u ta' mħabba, skond ir-rieda t'Alla u għall-glorja tiegħu'.*

*Hija x-xewqa tal-Papa li din l-Eżortazzjoni tiġi studjata bir-reqqa biex il-lajċi jagħrrfu sewwa s-sehem tagħhom fil-Knisja u għalhekk aħna ċerti li 'l quddiem fil-parroċċa tagħna jiġu organizzati serje ta' laqgħat biex jiġi spjegat ċar dan il-messaġġ importanti tal-Papa.*


IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377


**Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

05.3.89: JANICA, bint John Xuereb u Michelina neè Xerri

26.3.89: STEFAN JOSEF, iben Emanuel Vella u Ann Maria neè Formosa

26.3.89: STEPHANIE, bint George Attard u Margaret neè Bajada.

1.4.89: MARIA, bint Saviour Attard u Philomena neè Tabine

2.4.89: CLAUDIA bint Francis Haber u Antonia neè Buttigieg

2.4.89: RODIENNE, bint George Xerri u Maria neè Galea

8.4.89: GEORGE-MARIO, iben M'Angelo Said u Maria Victoria neè Fiteni.

8.4.89: ALESSANDRA, bint Baskal Grech u Maria neè Sacco

15.4.89: CHRISTIAN-JOE, iben Saviour Borg u Doreen neè Mercieca

23.4.89: ANNA MARIA, bint Francis Borg u Maria nee' Gatt

28.4.89: NATHANAEL, iben Anton Zammit u Noemi neè Said.

29.4.89: EDWARD-PAUL, iben Dr. Teddie George Farrugia u Monica neè Borg.

30.4.89: CLINT, iben Joseph Gatt u Orietta neè Schembri

04.5.89: JOANNE, bint George Fenech u Maxine neè Formosa

**Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:**

6.3.89: Luigi Bezzina
11.3.89: Helen Debrincat
16.3.89: Francis Galea
17.3.89: Georgia Grech
21.3.89: Maria Cremona
17.4.89: Joseph Lupi
20.4.89: Georgia Grech
21.4.89: Carlo Gatt

**DONAZZJONIJIET GĦAR-RIVISTA**

*Paul Scicluna (Canada) 20 US$*
*Sam Galea (Mich.USA) 20 US$*
*A. Lupi Lm1, F. Portelli Lm2*

**Ħinijiet tal-Quddies:**

*Matul il-Ġimgħa fil-Għaxija:* **5.30 p.m. u 7.00 p.m.**
*Ħdud u Festi fil-Għaxija:* **5.00 p.m. 6.30 p.m.**

# L-EWWEL TQARBINA 1989



*Apap George, Attard Eddie George, Borg Eric, Borg Noel, Camilleri George, Camilleri Shawn, Farrugia Anthony Alex, Farrugia George, Farrugia Joseph, Farrugia Mario, Fenech Dominic, Galea Stefan, Gatt Bertrand, Gatt Joseph, Grech Joseph, Grech Ruben, Grech Stefan, Grima John Paul, Mercieca Ruben, Sacco Eddie, Said Adrian, Said Manwel, Sarè Anthony, Scicluna Billy Joe, Scicluna Franco, Sultana Matthew, Tabone Michael, Vella George, Vella Kenneth, Zammit Aaron, Zammit Max.*



*Azzopardi Rita, Bezzina Jesahel, Camilleri Gina, Camilleri Simone, Cassar Charmaine, Cauchi Alison, Cauchi Sonja, Debattista Georgina, Farrugia Christianne, Farrugia Mandy, Formosa Antonella, Gatt Tanya, Grech Roberta, Grima Joanne, Meylak Andrea, Micallef Maria, Muscat Maria, Portelli Lorianne, Rapa Francieanne, Sacco Marie Patricia, Sacco Sylvana, Said Angie, Saliba Melissa, Sillato Daniela, Theuma Claire, Vella Diane, Xerri Diana, Zammit Jacqueline.*

# GRIŻMA TA' L-ISQOF 1989



*Attard Joseph, Attard Tony, Azzopardi George, Bezzina Anthony, Camilleri Jeffrey, Camilleri Josef, Cardona George, Cardona John, Caruana Kevin, Cremona Mark, Debattista Tonio, Debono Noel, Farrugia Anthony, Farrugia Joseph, Farrugia Paul, Mercieca Antoine, Mercieca George, Mercieca Godwin, Sarè George, Vassallo Elvin, Vella Michael, Xuereb Vincent.*



*Attard Diane, Axiaq Joyce, Bezzina Sylvana, Bongailas Sharon, Borg Claire, Borg Elayne, Camilleri Doreen, Cassar Edel, Cassar Melanie, Cassar Titiane, Farrugia Monica, Fenech Sally, Formosa Mary Rose, Galea Carmen, Mizzi Natasha, Parnis Tanya, Sillato Natasha, Sultana Olivia, Vella Joanne, Zammit Sharon.*

## NIFIRĦU....

- ***lil DR. CENSU TABONE li ġie maħtur bħala President tar-Repubblika nhar l-4 ta' April 1989.***
- ***lil Poeta Għawdxi ĠORĠ PISANI li għalaq tmenin sena nhar is-Sibt, 6 ta' Mejju 1989.***
- ***Lil MRO. JOHN GALEA għas-suċċess li kiseb meta dderieġa kunċert orkestrali fit-Teatru Manuel imtella' mill-Mid-Med Bank.***

## ĠEJJA L-FESTA TAGĦNA

Il-festa ta' San Ġorġ reġġet magħna. It-tħejjijiet ġa bdew. Dawk li ta' kull sena jagħtu l-għajnuna tagħhom biex il-festa tkun suċċess jinsabu lesti biex jibdew ix-xogħol ta' armar u tħejjijiet oħra. Il-Bord Editorjali ta' din ir-rivista jixtieq li aktar żgħażagħ jitħeġġu biex jagħtu l-kontribut tagħhom għas-suċċess tal-festa. Iżda fuq kollox nħeġġu lill-parruċċani kollha biex jitħejjew spiritwalment billi jattendu l-funzjoni li ssir matul il-Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa u li bdew nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju. Barra dan jixraq li meta jibda l-ġbir għall-festa nkunu ġenerużi kemm fil-ġbir għall-festa ta' barra kif ukoll għall-festi fil-knisja.

# Il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla

*Bejn Ħadd il-Għid il-Kbir u l-Ħadd 9 t'April 1989 ġie ċċelebrat fil-Belt Victoria is-26 Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Matul il-ħmistax il-jum saru diversi laqgħat fil-Bażilika tagħna u f'postijiet oħra bi tħejjija għall-egħluq tal-Kungress li nżamm nhar il-Ħadd 9 t'April 1989. L-egħluq tal-kungress beda b'korteo minn Pjazza Kennedy sa Pjazza Indipendenza. Fil-Korteo ħadet sehem il-banda 'La Stella bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Mons Isqof Nikol Cauchi għalaq il-kungress fil-parroċċa tagħna b'Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika l-Ħadd fil-Għodu 9 t'April. Din id-darba l-Kungress ġie organizzat fiż-żewġ parroċċi tar-Rabat flimkien, f'dik tagħna ta' San Ġorġ u fil-parroċċa tal-Katidral. Jixraq li f'din il-ħarġa nġibu d-diskors li għamel Mons Arċipriet S. Borg fiċ-ċerimonja ta' l-egħluq tal-Kungress fi Pjazza Indipendenza:*

Eccellenza Reverendissima, Reverendi Sinjuri, Ħuti Għawdxin:

"Il-Mulej hu r-Ragħaj Tiegħi": din kienet **il-għajta** ta' dan 26 Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla fid-Djoċesi tagħna. "Il-Mulej hu r-Ragħaj tiegħi": għajta li għandha tnissel ferħ u paċi fil-qlub tagħna lkoll. Għajta li tinżel bħal balzmu fuq il-ġrieħi ta' qalbna muġugħa. Għajta li timliena bil-kuraġġ f'dan iż-żmien kritiku li fih ninsabu. Għajta li tnibbet ġewwa fina tama qawwija għaż-żmien li ġej.

**Il-Mulej Hu r-Ragħaj tiegħi:** mhux jien jew int għażilnih u ħtarnih bħala tali. Kien Ġesù stess li stqarr pubblikament: **Jien hu r-Ragħaj it-Tajjeb** (Gw. 10,11) U din l-istqarrija serrħet il-moħħ ta' tant u tant bnedmin. U bir-raġun. Għaliex nistaqsu: F'liema stat kien jinstab il-bniedem qabel il-miġja tal-Messija?

Minn dak li naqraw fil-Kotba mqaddsa u mill-kotba ta' l-Istorja, il-Bnedmin kienu qishom ngħaġ dgħajjfa għall-aħħar, mitluqa għall-rieħhhom, bla ebda għajnuna ta' ħadd. Kienu ngħaġ bla saħħa, u bla ebda faraġ. Kienu ngħaġ feruti u midruba b'kull xorta ta' mard, mirfusa u misħuqa, bla ebda id li lesta terfagħhom. Kienu ngħaġ bil-ġuħ u bil-għatx, ma jistgħu imissu xejn, għax sħabhom ħammġu u dardru kull ikel u xorb li kellhom madwarhom. (Ezek.34,18-19) Kienu ngħaġ mitlufa bla ħadd ma jfittixhom, biex jerġa' jreġġagħom lura lejn il-merħla tal-kenn u tal-kwiet.

Ġie Ġesù fid-dinja u deher dawl kbir. Ġie Ġesù fid-dinja, nieqes minn kollox, twieled fqir ġo għar ta' l-annimali, ra l-kundanna tal-mewt permezz ta' Erodi sa mill-ewwel żmien ta' ħajtu; għex moħbi għal tletin sena sħaħ; ħareġ jippriedka fil-beraħ, ġie mgħajjar, imżebblah, imsawwat, mislub u maqtul fuq salib, imbagħad qam u rxoxta. U fost id-damma kollha tal-ġrajjiet li jiffurmaw il-ħajja tiegħu fuq l-art tispikka l-għajta tiegħu:

**JIEN HU R-RAGĦAJ IT-TAJJEB.**

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb iħossu dmir tiegħu li jmexxi lill-merħla afdata f'idejh:** imexxiha lejn mergħat kollhom ħdura u lejn nixxiegħat ta' ilma safi, ħalli hemm jistrieħu u hemm jitrejqu. U Ġesù qal ċar u tond: **Jien Hu t-Triq:** triq li min jimxi minnha ma jintilifx; it-triq li triegi lejn post wieħed, is-sema pajjiżna; it-triq iebsa iżda ċerta; it-triq tat-tbatija, iżda li tnissel il-hena bla tmiem.

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb jgħix il-ħajja tal-merħla tiegħu:** Hu wieħed minnha. U Ġesù ġie fqir fost il-foqra, u ried li l-faqar jiffurmaw r-rikkezza u l-ġid tiegħu. Hu tkellem dejjem is-sewwa u qal ma' kulħadd il-Verità: **Jien hu l-Verità. Ragħaj li bis-sewwa jfiehem, bis-sewwa jgħallem, bis-sewwa jibni u jtella' fis-sod, ikabbar u jqaddes.**




*Mons Arċipriet S. Borg jagħmel id-diskors tiegħu fi tmiem il-Kungress.*

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb ifittex in-ngħaġa l-mitlufa:** ma joqgħodx jistenna lil min ikun telaq biex jerġa' lura; iżda joħroġ Hu stess ifittxu: għax Hu qalilna: **Jien hu l-Ħajja:** u jaf li bogħod minnu żgur li hemm il-mewt. Allura joħroġ ifittxu lill-midneb biex jiltaqa' miegħu bħalma għamel fuq il-Bir ta' Sikar, fid-dar ta' Zakkew, fuq il-mejda ta' Xmun il-Pubblikan.

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb ifejjaq il-ġrieħi tal-merħla midruba:** m'hemmx mard li ma hux kapaċi jfejjqu u jreġġa' lura s-saħħa lil min iħossu dgħajjef u marid. Ma hemmx disgrazzja waħda li ma tqanqlux u jħoss ma' min hu imġarrab.

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb jagħraf in-ngħaġ tiegħu:** jagħrafhom ilkoll: jaf x'jisimhom, jaf il-ħsebijiet tagħhom, l-affetti tagħhom u l-ħteġijiet kollha tagħhom. Jaf fejn jinstabu u x'qed iġarrbu, u filwaqt li d-dinja kollha tidħak bihom u tiddisprezzahom u tgħajjarho boloh, Hu jibdel din il-kelma u jibda' jsejħilhom Imbierka u ħienja.

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu:** fetħilna għajnejna ħafna drabi meta mar jurina d-differenza kbira li tgħaddi bejn il-Mikri u l-veru Ragħaj. Il-mirki, li n-ngħaġ mhux tiegħu, meta jara l-lupu ġej, jaħrab, ifendi għall-rasu u jħalli lill-lupu jiżbrana lin-ngħaġ kollha. Mentri hu, r-Ragħaj it-Tajjeb jagħti ħajtu, kif fil-fatt għamel għall-merħla tiegħu.

**Ir-Ragħaj it-Tajjeb ma jserraħx moħħu bin-ngħaġ li għandu fil-maqjel:** hemm ngħaġ oħra li ma humiex mill-maqjel tiegħu. Dawn ukoll jeħtieġu l-kura tiegħu u jaħdem u jistinka sabiex anke huma jinġabru flimkien, u jsiru merħla waħda u ragħaj wieħed.

Dan il-kliem għandu jimliena bil-kuraġġ: min hu dak ibleh fostna li ma hux lest jagħmel ħiltu kollha biex ikollu lil Ġesù bħala ir-Ragħaj tiegħu? X'Qed jitlob minna Ġesù biex inserrħu moħħna li aħna niffurmaw parti mill-merħla tiegħu?

**Ġesù huwa t-Triq:** la huwa t-triq **jistenna li aħna nimxu warajh.** Hu quddiem biex jurina t-triq, aħna warajh biex ħadd ma jintilef, avolja it-triq hija twila, dejqa mimlija bix-xewk u għollieq. Hi t-triq tas-Sagrifiċċju u tat-tbatija. Hu imxiha qabilna u min jimxi fiha ma jintilef qatt.



**Ġesù huwa s-SEWWA:** u għalhekk jistenna li aħna l-merħla tiegħu **nisimgħu leħnu.** u nemmnu fih. Bħala ngħaġ tal-merħla tiegħu hu meħtieġ li aħna nagħarfu leħnu, naċċettawh u nagħmlu dak kollu li jitlob minna. Dawk kollha li jagħmlu dak li jixtieq Hu, ikunu qed iwettqu dak li Alla jrid minnhom.

**ĠESÙ HU L-ĦAJJA:** ħajja li ma tispiċċa qatt. Ħajja li ebda għadu ma għandu jedd itemm. Ħajja li hija msaħħa bil-Ġisem u d-Demm ta' dan ir-Ragħaj tajjeb tagħna, li jagħtina Ġismu biex nikluh u demmu bħala xorb.

**Ġesù hu r-Ragħaj it-Tajjeb mimli imħabba:** jistenna li jkun hemm ftehim u għaqda bejnietna ilkoll li niffurmaw parti mill-merħla tiegħu. Żgur li l-Appostlu missierna San Pawl fl-Ittra tiegħu lin-nies ta' Filippi mar jinterpreta x-xewqa ta' Ġesù meta qal: "Ħa jkollhom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed. Tagħmlu xejn pika ta' partit anqas għal ftaħir fieragħ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu Ħadd minnkom ma għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor. Aħsbu bħalma kien jaħseb Ġesù. (Fil.:2,2-5)

Meta għandna Ragħaj daqstant tajjeb, u meta dak li qed jistenna minna ma hux xi ħaġa straordinarja jew impossibbli li nagħtuhielu, kemm jinħass ikrah u jnikket il-qalb id-dnub tal-bniedem li permezz tiegħu jitbiegħed mill-merħla ta' Kristu! U fost d-dnubiet kemm jistona u jdejjaq il-mod xejn dinjituż anzi selvaġġ ta' dawk ħutna maltin u għawdxin, li f'telfa ta' rabja, jgħollu leħinhom 'il fuq, u filwaqt li jużaw wieħed mir-rigali sbieħ li Alla jkun tahom, l-ilsien, jkassbru l-isem t'Alla bid-dagħa faħxi tagħhom?

Kemm jistona u jinstema' ikraħ id-dagħa hekk kif jitla' jitħallat mad-daqq ħlejju tal-qniepen tagħna u jitfu u jġib fix-xejn il-kant u t-talb tal-ġemgħat miġbura fil-knejjes tagħna. Kemm jikxef vojt u nuqqas ta' imħabba, kemm juri il-livell baxx li fih inkunu inżilna fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Ejjew għalhekk il-lejla, hawn quddiem kulħadd, fil-presenza tar-Ragħaj Spiritwali tagħna, għad-dell ta' Kristu Sultan li jiddomina dan il-misraħ, f'dan il-post fejn ta' kull għaxija eluf u eluf ta' għasafar jinġabru flimkien biex jinsġu innu ta' radd il-ħajr lill-Alla Ħallieq, ejjew il-lejla inwegħdu:

— li ma jkun qatt li xi ħadd fostna jkasbar l-isem t'Alla, ta' Ġesù Ostja tal-Madonna u tal-qaddisin;
— li nagħmlu ħilitna kollha biex inwissu lil minn jiżbalja b'dan il-mod;
— li npattu għal tant żeblieh li Ġesù jirċievi mingħand id-dgħajja kollha;
— li nirsistu ilkoll li nkunu membri denji tal-merħla ta' Kristu, ħalli b'wiċċna minn quddiem inkunu nistgħu ntennu għalenija: Mulej, int ir-Ragħaj tiegħi, Mulej int it-Tama tiegħi, Mulej int il-ħelsien tiegħi.

***Ikun imfaħħar l-Isem Imqaddes t'Alla***

## *MEJDA TA' L-APPOSTLI*

Nhar Ħadd il-Palm 19 ta' Marzu 1989 Mons Isqof Nikol Cauchi bierek u nawgura Mejda ta' l-Appostli li saret għall-ewwel darba fiċ-ċentru Parrokkjali tagħna. Il-mejda saret fuq l-istil Lhudi b'fuħħar maħdum apposta mid-Ditta Alka Ceramics tas-Sur Paul Haber f'Malta. Matul il-ġimgħa li matulha damet miftuħa għall-wiri mijiet ta' nies żaruha u faħħru din l-inizjattiva. L-ispejjeż li saru biex sar dak kollu li kien hemm fuq il-mejda tħallsu mill-Ladies' Society tal-Parroċċa tagħna. Fir-ritratt Mons Isqof jidher ibierek il-mejda.



***1989 - A S T R A  T O U R S - 1989***

**TOUR No. 1 GERMANJA u FRANZA**
**TOUR No. 2 ITALJA U JUGOSLAVJA**
**TOUR No. 3 ITALJA, FRANZA, PORTUGAL u SPANJA**
***Għal Programm dettaljat ċempel: 627016, 556236, 551004***

# *Wirja ta' l-Arti mill-*GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ LA STELLA

Art Talent '89 huwa l-isem ta' wirja artistika li fetħet nhar il-Ħadd 23 t'April fil-Kumpless tat-Teatru Astra. Il-Wirja, organizzata mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella fl-okkażjoni ta' Jum San Ġorġ, kienet tiġbor fiha diversi xogħolijiet ta' artisti Għawdxin, ilkoll membri tal-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ.

B'kollox ħadu sehem 18 l-artist li bejniethom esebixxew 184 xogħol tal-arti.

Il-ftuħ uffiċċjali tal-wirja sar mill-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone fi tmiem marċ li l-Banda La Stella organizzat bħala parti mill-festa liturġika ta' San Ġorġ, Patrun t'Għawdex. F'dikors qasir li għamel, il-Ministru Tabone qal li permezz tal-attivitajiet tagħha, l-Għaqda Żgħażagħ La Stella qegħda mhux biss tkabbar il-festa u tagħmel isem lill-Każin, iżda fuq kollox tgħin biex tippromovi lil Għawdex u s-soċjetà Għawdxija. Huwa qal li mhux talli l-poplu għandu jappoġġja attivitajiet kulturali ta' din ix-xorta, iżda saħansitra l-istess stat għandu jħossu dover tiegħu li jinkoraġġiehom u jmexxiehom 'il quddiem.

"Il-wirja tal-arti", kompla l-Ministru Tabone, "tagħtina prova oħra, ta' kemm Għawdex, minkejja ċ-ċokon tiegħu, għandu nies li kapaċi jħaddmu t-talenti tagħhom, u li dawn jikkompetu tajjeb ma' dawk ta' artisti barranin."

Il-Ministru Tabone feraħ lill-Għaqda Żgħażagħ La Stella tal-inizzjattiva tagħha u awguralha aktar ħidma b'risq il-membri ħabrieka tagħha.



***Il-Ministru Anton Tabone qed jiġi mdawwar mad-diversi sezzjonijiet tal-Wirja, akkumpanjat mill-membri tal-Għaqda Żgħażagħ La Stella.***

Il-Wirja ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Salv. Borg.

Fil-wirja kien hemm esebiti xogħolijiet ta' pittura, fuħħar, tafal, kartapesta, arkett, kewba, terracotta, disinji ħġieġ, u oħrajn.

## *Pranzu biex jitfakkar Jum SAN ĠORĠ*

Il-Ladies Society tal-Bażilika tagħna għal darb'oħra fakkret Jum San Ġorġ bi Pranzu li nżamm fil-Cornucopia Hotel sewwa sew nhar il-Festa Liturġija tal-Qaddis t'Għawdex, il-Ħadd 23 t'April.

Il-Pranzu nżamm taħt il-ħarsien tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi u l- Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone. Mistednin oħra speċjali kienu jinkludu lil Mr George Creber, Konslu u Ufficcjal Amministrattiv fil-British High Commission, Profs. Pietro Insana, Kap tal-Istitut Kulturali Taljan, W.R. Arċipriet Mons. Salv Borg tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Dr. Eugene Montanaro LL.D., President Onor. tal-Banda La Stella u s-Sur u s-Sinjura Paul M. Cassar.

F'diskors qasir li għamlet lejn tmiem il-pranzu, Mrs Georgina Cassar, President tal-Ladies Society, tkellmet dwar l-attivitajiet soċjali, kulturali u filantropiċi li l-Kumitat tagħha jorganizza minn żmien għal ieħor matul is-sena. Hija fissret kif permezz ta' wħud minn dawn l-attivitajiet il-Ladies Society qed jirnexxielha tibni fond li minnu ta' spiss tibbenefika l-Bażilika ta' San Ġorġ. Każ tipiku kien ix-xiri tal-oġġetti kollha tal-fuħħar li ntużaw għall-Mejda tal-Appostli din is-sena, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' sett pjaneti ħodor lill-Bażilika. Il-Ladies Society offriet ukoll kontribuzzonijiet ta' flus b'risq l-istituti orfanatrofji t'Għawdex.

Tkellem ukoll il-Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, li f'diskors li għamel feraħ lill-għaqda għall-ħidma li qed



***Il-Head-Table fil-Pranzu li nżamm biex ifakkar Jum San Ġorġ f'Għawdex.***

twettaq għall-ġid tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-Ministru Tabone awgura li l-Ladies Society tissokta bl-inizzjattivi tagħha, u stieden soċjetajiet oħra jagħtu huma wkoll il-kontribut tagħhom għall-ġid tas-soċjetà Għawdxija.

Matul il-Pranzu l-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika ta' SanĠorġ immexxi mis-Sinjorina Maria Frendo, ferraħ lil dawk preżenti, fosthom numru ta' residenti Ngliżi, bil-kant ta' għanjiet tradizzjonali u folkloristiċi.

# CHAMBER ORCHESTRA



Nhar it-Tlieta fil-għaxija 22 ta' Marzu fil-Knisja Bażilka tagħna orkestra taż-żgħażagħ minn Bremen fil-Germanja tat kunċert orkestrali li fih daqqet xogħlijiet ta' J.S. Bach, W.A. Mozart u A. Dvorak.

Mijiet ta' Għawdxin attendew għal dan il-Kunċert li nġab fostna bl-inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex u bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni (Dipartiment u Kultura u Ambjent) u tal-Kapitlu ta' San Ġorġ.

L-orkestra kienet taħt it-tmexxija tas-surmast żagħżugħ Jorn Relitz u ħadem sehem is-solista Karen Tilch.

L-orkestra Ġermaniża "JUGENDKAMMERUR-CHESTER" twaqqfet f'Bremen fl-1982 u daqqet fl-Awstrija (darbtejn) u fl-Italja. L-orkestra hija komposta minn studenti tal-Bremen Music Academy.

Għal dan il-kunċert attenda l-Ministru għal Għawdex l-Onor Anton Tabone u s-sinjura tiegħu. Kienu preżenti wkoll l-Onor Louis Refalo, il-President tal-Kultura għal Għawdex il-Perit Joe Dimech, il-Kapitlu tal-Bażilika ta' San Ġorġ flimkien mal-Arċipriet Mons Salv Borg li fi tmiem il-kunċert ippreżenta rigal ta' tifkira lis-Surmast ta' l-orkestra u radd ħajr lil kulħadd. Ippreżenta l-Kav. Joe. M. Attard.

# *ROKNA GĦAT-TFAL*



Għeżież tfal,

Erġajna ltqajna biex ngħaddu ftit ħin flimkien. Kif intom? Bħalissa forsi ma tantx għandkom moħħ għax qed tippreparaw għall-eżamijiet. Għandkom raġun; imma jiena ċert li, imħabbtin kemm intom imħabbtin, xorta ssibu' ftit minuti biex tistgħu taqraw din ir-rokna tagħkom.

Ix-xahar ta' Mejju -- tal-fjuri u tal-Madonna -- iġib miegħu mhux biss il-fwieħa u l-ilwien sbieħ tal-ward, u d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija, imma wkoll il-jum li hu ddedikat lill-ommijiet kollha tad-dinja. Tkun ħaġa sabiħa ħafna tara tfal jiftħu l-karusijiet tagħhom biex joħorġu dak li jkunu faddlu ħalli jmorru jixtru xi rigal biex bih iferrħu lil Ommijiethom.

Bil-mezzi li jkollhom it-tfal ma jkunux jistgħu jagħtu rigali kbar lill-Ommijiet, iżda l-ommijiet xorta jifirħu ħafna meta wliedhom juruhom li jaħsbu fihom u li jħobbuhom għal dak kollu li jagħmlu magħhom.

Kien hemm xi ħadd li staqsa lil xi tifel dwar x'jaħsbu fuq il-mummy tagħhom, u wħud minn dawn wieġbu:

"Ommi tlestili ħafna ikel tajjeb. Bix-xorti li tkun hi, daqskemm niġġieldu jien u oħti. Meta nikber, inpattilha billi meta nibda naħdem, nixtrilha dawk l-affarijiet li kienet tixtieq u qatt ma setgħet taqta' xewqitha".

"Ommi tieħu ħsiebna u toħroġ taħdem xogħol barrani biex meta jkollna bżonn xi ħaġa tkun tista' tixtrihielna. Meta nkunu ma nifilħux, tabbanduna x-xogħol u l-qliegħ tal-flus biex toqgħod magħna. Meta tarana ferħanin, hi tifraħ magħna."

"Jien inħobbha lil ommi. Jien wieħed minn dawk li jbatu b'ħafna dwejjaq, iżda hi tara x'tivvinta biex tferraħni, u qabel ma tarani ferħan, ma titlaqnix".

Tfal, nirrispettaw lil ommna għomorna kollu, ngħinuha kull meta jkun hemm bżonn, u ma nonqsux li naħsbu biex inferrħuha mill-aħjar li nistgħu.

# IL-QAWMIEN TA' KRISTU

*Dramm Bibbliku fit-Teatru ASTRA*

Nhar ħadd il-Għid 26 ta' Marzu li għadda l-Għaqda Drammatika ASTRA ppreżentat id-dramm Bibbliku modern "IL-QAWMIEN TA' KRISTU: Fatt Storiku jew Le?". Dan id-dramm taħt forma ta' proċess tribunali sar taħt il-ħarsien ta' l-Isqof t'Għawdex Mons Isqof Nikol Cauchi. Id-direzzjoni u l-produzzjoni ta' dan id-dramm kienet f'idejn is-Sur Ġorġ Xerri u minn dawn il-kolonni nifirħu lill-atturi kollha li verament taw xhieda ta' l-abilità teatrali tagħhom. Ir-ritratt juri xena waqt id-dramm.



# *LA TRAVIATA* f'Għawdex: Straordinarja

**Ġranet wara ż-żewġ rappreżentazzjonijiet ta' l-opra lirika La Traviata, ħafna huma dawk li għadhom jitkellmu dwar il-livell għoli li laħqet din il-produzzjoni operistika f'Għawdex. Kienet opra fil-veru sens tal-kelma: opra esegwita b'teknika, kapaċità, kulur u majestrija liema bħala.**

Mhux biss il-vuċijiet ewlenin kienu fi klassi għalihom, iżda saħansitra l-Kor, iffurmat minn għadd sabiħ ta' żgħażagħ Għawdxin membri tal-istess Teatru, kien stupend fil-partijiet kollha li ġie msejjaħ għalihom. Anzi wieħed jista' jgħid bla tlaqliq li l-Kor reġa' kien wieħed mill-fatturi ewlenin wara s-suċċess ta' din l-opra, bħal ma fil-fatt kien fit-tliet opri l-oħra li t-Teatru astra ippreżenta f'dawn l-aħħar 14 il-xahar.

La Traviata hija opra li minbarra l-ħlewwa ta' mużika li fiha, toffri l-ispettaklu, partikularment matul l-ewwel żewġ atti; dan bla dubju ma kienx nieqes fuq il-palk spazzjuż tat-Teatru Astra, fejn assistejn għal koreografija eċċellenti, xenarju mill-isbaħ u fuq kollox set ta' kostumi l-ġmiel tagħhom, li lkoll flimkien komplew joħolqu kwadru tipiku tal-epoka li fiha nżammet il-ġrajja ta' imħabba, li kellha bħala protagonista liż-żagħżugħa Violetta Valery.



*Iż-zingari Spanjoli u l-matadores joħolqu festa ta' briju, kant u żfin tradizzjonali f'xena spettakoluża mit-Tieni Att.*

Ma jistax jonqos li numru kbir ta' nies ħadmu bla nifs wara din il-produzzjoni. Minn ta' quddiem żgur li għandi nsemmi lis-Surmast Joseph Vella li f'idejh kellu d-direzzjoni mużikali tal-opra. Għal Mro Vella, La Traviata kienet ħolqa oħra mill-aktar sinifikattiva fil-katina twila ta' suċċessi li huwa rnexxielu jgħaqqad fil-karriera tiegħu. Mhux ta' b'xejn li llum il ġurnata isem Joseph Vella sar marbut mal-aqwa xogħolijiet mużikali li jinżammu f'pajjiżna.

Mas-Surmast Vella rrid nassoċja lill-atturi primarji barranin li ħadu sehem: Tiziana Ducati, Viviana Fabbri, Giandomenico Bisi, Lorenzo Catacchi, Giorgio Lormi u Franco Tisi, li lkoll urewna x'isarrfu. Insemmi wkoll lill-erba' kantanti lokali li tant impressjonaw fil-partijiet tagħhom, Rosabelle Pavia, Noel Galea, Karen Camilleri u Paul Portelli, lit-tliet surmastrijiet tal-Kor, John Galea, Maria Frendo u Colin Attard, lil Manuel Grima bħala Koreografu u Asst. tal-Produzzjoni, lill-mużiċisti, lill-group ta' żeffiena, lil Ġorġ Farrugia li flimkien ma'



*Għal Violetta, li taf li wasal fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha, xejn ma jiswa l-kliem ta' faraġ li jipprovaw igħidulha t-Tabib Grenvil u Giorgio Germont (Att III)*

Manuel Grima kien responsabbli mit-taqsima tal-kostumi, kif ukoll lill-membri bravi tal-Kor. Kelma ta' tifħir mhux anqas jistħoqqlu Profs. Franco Vacchi għad-direzzjoni għaqlija tiegħu fil-produzzjoni.

Prosit fuq kollox lid-Direzzjoni tas-Soc. Fil. La Stella li għal darb'oħra rnexxielha toħroġ bl-unuri kollha minn produzzjoni daqstant impenjattiva. Grazzi La Stella, Grazzi Mill-Qalb tal-kontribut kbir li qed tagħti fl-iżvilupp tal-kultura mużikali ta' pajjiżna.

L-ewwel rappreżentazzjoni ta' La Traviata nżammet taħt il-ħarsien distint tal-President ta'Malta, Dr Censu Tabone, waqt li dik tal-Ħadd 16 t'April saret taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru, Dr. Eddie Fenech Adami



SB

CRONACHE DEL CENTENARIO

DUE MISSIONARI: DONO DI MALTA ALLA TUNISIA

Il Rettor Maggiore nell'isola di Gozo tra l'on.le Antòn Tabone, ministro per l'isola di Gozo, e l'arciprete della Basilica di S. Giorgio, Monsignor Salvatore Borg. Nel riquadro: lapide posta nella B...

I salesiani di Malta hanno dato alle celebrazioni centenarie della morte di Don B...

## IŻ-ŻJARA TA' DON EGIDIO VIGANÒ

**Iż-żjara li kien għamel ir-Rettur Maġġur tas-Sależjani ta' Don Bosco, Don Egidio Viganò f'Jannar li għadda ġiet rappurtata fl-aħħar ħarġa ta' 'Il Bolettino Salesiano'. Ir-rapport jagħti mportanza lill-lapida li tfakkar l-ewwel oratorju fi triq Karità u li tpoġġiet fejn iċ-ċentru parrokkjali tagħna.**